# IL-QORTI ĠENERALI

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2011 — Traxdata France vs UASI — Ritrax (TRAXDATA, TEAM TRAXDATA)**

**(Kawża T-365/07)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Rikors għal annullament — Nuqqas ta' azzjoni mir-rikorrenti — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2012/C 39/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Traxdata France SARL (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: inizjalment F. Valentin, B. Amaudric du Chaffaut u G. Courtois, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Ritrax Corporation Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. H. Blair, M. J. Gilbert, S. S. Malynicz u C. A. N. Balme, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Mejju 2007, (Kawżi magħquda R 1337/2005-1, R 1338/2005-1, R 1339/2005-1 u R 1340/2005-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Ritrax Corporation Ltd u Traxdata France SARL.

**Dispożittiv**

(1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.*

(2) *Traxdata France SARL hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 283, 24.11.2007.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2011 — Gebr. Heller Maschinenfabrik vs UASI — Fernández Martinez (HELLER)**

**(Kawża T-431/07)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2012/C 39/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Gebr. Heller Maschinenfabrik GmbH (Nürtingen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: W. Keßler u S. Baur, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment S. Schäffner, sussegwentement R. Pethke, aġenti)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Manuel Fernández Martinez (Elche, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Settembru 2007 (Każ R 974/2006-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Manuel Fernández Martinez u Gebr. Heller Maschinenfabrik GmbH.

**Dispożittiv**

(1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

(2) *Ir-rikorrenti hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 37, 09.02.2008

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Diċembru 2011 — Ahouma vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-138/11)** [1]

***("Mewt tar-rikorrent — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2012/C 39/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Brouha Nathanaël Ahouma (Abidjan, il-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: G. Collard, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u C. Fekete, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/118/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire (ĠU L 11, p. 36), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire (ĠU L 11, p. 1).

**Dispożittiv**

(1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*